# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025.**

**Numru: 15**

**Rikors numru: 386/2024/1 TA**

**L-Avukat Dr Malcolm Mifsud għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Bahaa (*recte*: Baha) Khalid Ahmed Al Far residenti fid-Dubai**

**v.**

**Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited (C-89175)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Jannar, 2025, li biha ċaħdet talba tiegħu sabiex fit-termini tal-**Artikoli 826** u **828 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** tiġi ordnata kemm l-eżekuzzjoni, kif ukoll ir-reġistrazzjoni f'Malta tas-sentenza mogħtija minn

*The Commercial Cassation Circuit* ġewwa l-Emirati Għarab Magħquda.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fil-11 ta' April, 2024, l-Avukat Malcolm Mifsud f'isem Baha Khalid Ahmed Al Far fisser li fit-30 ta' Novembru, 2021 is-*Sharjah Federal Court – Civil Court of First Instance* ta' Dubai kienet ikkundannat lil Aria Holding Limited u lil Aria Asset Management Limited (illum bl-isem Winthrop Woodrow Asset Management) sabiex iħallsu lill-imsemmi Baha Khalid Ahmed Al Far is-somma ta' €1,286,322 flimkien ma' mgħax ta' 6%. Jgħid li din is-sentenza l-ewwel ġiet ikkonfermata mill-*First Civil Circuit of Appeal* fit-8 ta' Frar, 2022 u mbagħad ġiet imtennija mill-*Commercial Cassation Circuit*.

3. Fuq il-premessa li llum dawn is-sentenzi joħolqu ġudikat bejn il-partijiet, l-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* ressaq rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn talabha sabiex:

> *«1. A tenur tal-**Artikolu 826 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**, tordna l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza mogħtija fil-mill-[sic!] The Commercial Cassation Circuit, ġewwa Dubai fil-kawża bin-numru 424/2022*
>
> *2. A tenur tal-**Artikolu 828 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**, tordna r-reġistrazzjoni tas-sentenza mogħtija [minn] The Commercial Cassation Circuit, ġewwa Dubai fil-kawża bin-numru 424/2022;*
>
> *3. Tagħti dawk id-direttivi li jidrilha xierqa u opportuni.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni..»*

4. Fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2024 (ara paġna 57 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti tat żmien ta' għoxrin jum lill-kumpanija konvenuta sabiex tressaq tweġiba.

5. Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited wieġbet fis-17 ta' Ġunju, 2024 u oġġezzjonat għal dawn it-talbiet minħabba: (i) li hija la kienet notifikata u lanqas ma kienet parti fil-proċeduri ġudizzjarji li nqatgħu fl-Emirati Għarab Magħquda u għalhekk hemm raġunijiet tajba taħt l-**Artikolu 827(1)(a)** moqri flimkien mal-**Artikolu 811(b)** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex ma jintlaqgħux it-talbiet attriċi; (ii) li s-sentenza barranija ngħatat bi ksur ta' klawsola arbitrali li kien hemm imniżżla fil-kuntratt u għalhekk il-qorti barranija ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ, b'dana allura li hemm ukoll raġunijiet taħt l-**Artikoli 827(1)(a)** u **827(2)** moqrija flimkien mal-**Artikolu 811(d)** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jiġu miċħuda t-talbiet attriċi; u (iii) li f'kull każ, fis-sentenza barranija ma hemm l-ebda ordni kontriha li b'xi mod tista' tiġi eżegwita hawn Malta.

6. B'sentenza mogħtija fid-9 ta' Jannar, 2023, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

> *«Bil-proċeduri odjerni, ir-rikorrent nomine qiegħed jitlob, sabiex a tenur tal-Artikolu 826 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tordna l-eżekuzzjoni tas-Sentenza tal-Commercial Cassation Circuit ġewwa Dubai kontra s-Soċjetà intimata.*
>
> *Din is-sentenza ngħatat fit-30 ta' Novembru 2021 (a fol 4). Fost il-*

*konvenuti li ġew ikkundannati jħallsu l-ammont mertu ta' dawn il-proċeduri kien hemm is-Soċjetà Aria Asset Management SCC. F'dokument ieħor imsejjaħ "Execution Case Status Certifcate" maħruġ fit-18 ta' Settembru 2024 intqal, li din is-Sentenza ttieħdet kontra Aria Holdings u Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited (a fol 168).*

*Is-Soċjetà rikorrenti ssostni, li minkejja li kien hemm bidla fl-isem tas-Soċjetà dan ma jbiddel xejn mill-fatt li s-Sentenza m'għandhiex tkun eżegwita kontra s-Soċjetà konvenuta għaliex dejjem baqgħet l-istess Soċjetà.*

*Issa kif rilevat, l-isem tas-Soċjetà fis-Sentenza estera, kif oriġinarjament mogħtija, huwa dak ta' Aria Asset Management SCC. Skont ċertifikat rilaxxat mir-Reġistratur tal-Kumpaniji lokali, is-Soċjetà li biddlet isimha huwa dak tas-Soċjetà konvenuta hija Aria Asset Management (Malta) SCC Limited, mentri dik fil-ġudizzju esteru hija Aria Asset Management Ltd, mingħajr il-kliem (Malta) mingħajr id-desinjazzjoni ta' Limited.*

***Artikolu 826 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jiddisponi li:*

> *«Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu eżegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.»*

*Issa biex il-Qorti tordna l-eżekuzzjoni trid tkun konvinta li l-persuna intimata f'dawn il-proċeduri hija l-istess waħda li għandha ġudikat kontra tagħha. Element fundamentali għall-eżekuzzjoni ta' Sentenza. Is-sentenzi lokali jsostnu li fir-rigward ta' żball f'isem ta' parti, jgħallmu hekk:-*

> *«... ma hemmx dubju li fl-istess kawża l-isem ta' waħda mill-partijiet kien żbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' waħda mill-partijiet żbaljata fl-identità ta' dik il-persuna indikata ħażin hi nulla (**Vol. XXXVI-I-200**)» Ara Sentenza fl-ismijiet **Elisa sive Alice Cachia et -vs- Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe** tas-26 ta' Ġunju 1957 PA).*

*U fis-Sentenza fl-ismijiet **Alexander Victor Baldacchino v. Henry Albert Pace noe** tal-10 ta' Diċembru 1963 PA ukoll intqal*

> *«… illi ġie ripetutament deċiż mill-Qorti tagħna illi żball fl-isem jew il-kunjom ta' xi ħadd mill-partijiet jimporta n-nullità tal-atti u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza.»*

*Il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandhiex tapplika dawn il-prinċipji għas-Sentenza estera għaliex wara kollox li kawża tkun ben indirizzata hija kwistjoni ta' ordni pubbliku stante li hawn si tratta tal-idenitità korretta tal-parti "telliefa".*

*Issa huwa minnu li l-Qorti li emanat is-Sentenza estera tassew laqgħet*

*korrezzjoni billi biddlet l-isem għal "Aria Asset Managment SCC Limited to become Aria Asset Management (Malta) SCC Limited" (a fol 154). Iżda jibqa' fatt li fl-okkju tas-Sentenza estera fl-oriġini tagħha l-isem li jirrikorri huwa dak Aria Asset Managment SCC mingħajr id-desinjazzjoni ta' "Limited" u anke ta' "Malta". Din il-Qorti ma tistax tieħu l-affarijiet b'mod leġġer. Di fatti fis-Sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Busuttil v. Avukat Dottor John Mamo noe*** *tat-28 ta' Frar 1997 fejn l-iżball kien jikkonsisti fl-isem ta' l-attur, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonkludiet:-*

> *«Dan hu żball ta' sustanza li l-Qorti tal-Appell neċessarjament trid tissollevah ex officio inkwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jiġu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawża – li jkunu qed jiġu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza tagħmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa ċar li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirriżultax effikaċi fil-liġi. L-iżball allura jeħtieġ li jiġi rettifikat.»*

*Issa f'dan il-każ l-iżball kien l-isem tal-Attur mela aħseb u ara meta jkun żball fl-isem tal-konvenut bħalma huwa l-każ odjern. Forsi għal dawk li huma "lay people" l-ommissjoni tal-kelma Limited huwa dettall żgħir, iżda mhux f'għajnejn il-liġi. Aria Asset Management SCC ma hiex Aria Asset Managment SCC Limited, għaliex hija din il-kelma li tikkostitwixxi l-identità tas-Soċjetà inkwistjoni. Issa jekk dan l-iżball kienx tal-parti jew il-Qorti estera, din il-Qorti ma hix ser tidħol fih, dejjem jekk tassew kien żball wara kollox, għaliex kumpaniji ta' karattru ġuridiku differenti jeżistu.*

*Għalhekk dan ukoll joħloq dubju serju li minnu tibbenefika s-Soċjetà intimata u dan peress li meta l-ewwel ingħatat is-Sentenza estera, hemm dubju serju kemm din ġiet korrettement notifikata bl-atti kif trid il-liġi u skont il-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Din il-Qorti dejjem sostniet li n-notifika korretta tal-atti hija l-pedament li fuqu jistrieħ il-prinċipju ta' smigħ xieraq. Dan qiegħed jingħad fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-****Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta****.*

*Għalhekk għandha raġun is-Soċjetà intimata meta tgħid li l-korrezzjoni hija żbaljata għaliex ma kien hemm "ebda raba' intimat magħruf bħala Aria Asset Est (Recte Asset) Management SCC Limited" (A fol 56 para 25).*

*Għalhekk din il-Qorti m'għandha ebda triq oħra ħlief li tiċħad it-talbiet rikorrenti. Isem ta' Soċjetà b'responsabbiltà Limitata fil-każ ta' Sentenza li tkun marret in ġudikat għandu jkun preċiż u mingħajr ebda diverġenzi minn dak li tkun ġiet reġistrata bih.*

*Għalhekk din il-Qorti ma hix konvinta li s-Soċjetà intimata kienet tassew parti għall-proċeduri li wasslu għas-Sentenza estera li qed tkun mitluba tiġi eżegwita kontra tagħha. Ergo ma jistax jingħad li kien hemm ġudikat fil-konfront tal-istess.*

*Decide*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-*

*talbiet rikorrenti bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra tagħha.»*

7. L-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* appella minn din is-sentenza, b'rikors tat-28 ta' Jannar, 2025, u talab għat-tħassir tagħha.

8. Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited wieġbet għal dan l-appell fit-28 ta' Frar, 2025 u hemmhekk hija semmiet ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell għand jiġu miċħud.

9. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija dwar talba għall-eżekuzzjoni u reġistrazzjoni ta' sentenza mogħtija barra minn Malta.

11. Fir-rikors tiegħu, l-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* talab sabiex tiġi eżegwita u reġistrata hawn Malta s-sentenza mogħtija mill-*Commercial Cassation Circuit* ġewwa Dubai bin-numru 424/2022. Din is-sentenza, li kopja tagħha tinsab maqluba għall-Ingliż f'paġni 42 sa 44 tal-atti tal-kawża, però ma ngħatatx f'Dubai imma ngħatat f'Abu Dhabi, eżattament

fil-kwartieri ġenerali tal-*Union Supreme Court* tal-Emirati Għarab Magħquda.

12. Billi s-sentenza barranija li tagħha qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni ngħatat fl-Emirati Għarab Maqgħuda, mela allura la jgħodd l-**Artikolu 825A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jitkellem dwar it-tħaddim tar-**Regolamenti tal-Unjoni Ewropea** u lanqas ma jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Eżekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi**.

13. Jgħodd minflok l-**Artikolu 826 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jgħid li s-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu eżegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.

14. Kif tajjeb ġie mfisser fis-sentenza ***Mansueta Caruana et v. Dr Joseph P. Bonnici et nomine*** deċiża fis-27 ta' Marzu, 2020, il-qorti kompetenti li tiddeċiedi talbiet magħmula taħt l-**Artikolu 826 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dan b'riħet l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jagħtiha s-setgħa taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili.

15. Issa l-**Artikolu 827 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdilna lista magħluqa ta' ċirkostanzi fejn l-eżekuzzjoni ta' sentenza barranija m'għandhiex titħalla ssir. Dawn iċ-ċirkostanzi fejn qorti Maltija tinsab imxekkla milli teżegwixxi sentenza barranija huma: (a) jekk is-sentenza barranija tista' tiġi attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni ta' Proċedura Ċivili** dwar ir-ritrattazzjoni ta' kawżi deċiżi; (b) f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kinux kontumaċi skont il-liġi barranija; u (ċ) jekk is-sentenza jkun fiha xi dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta.

16. Jinsab miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li dawn iċ-ċirkostanzi msemmija fl-**Artikolu 827 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mhux biss għandhom jingħataw interpretazzjoni dejqa, iżda għandhom jitqiesu wkoll bħala tassattivi, fis-sens li l-qorti Maltija ma tistax tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' sentenza barranija għal xi raġuni mhux imsemmija f'dan l-artikolu (ara ***Johann Baldacchino Romano nomine v. Ghazi Haigaz Kaskanian*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015).

17. Minbarra dan, mhix il-funzjoni tal-qorti Maltija taħt l-**Artikoli 826** u **827 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li terġa' tiftaħ beraħ il-mertu tat-tilwima li tkun ġiet deċiża bis-sentenza barranija (ara

***Fatima Zahra Zeroual v. Hashim Kuduzovic*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' April, 2022 u ***Schoeller International Gmbh v. Mario Ellul et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 2005).

18. Bl-istess mod mhuwiex xogħol il-qorti Maltija li f'din il-proċedura toqgħod tqabbel il-liġi barranija ma' dik Maltija biex tara jekk dawn ikunux jaqblu flimkien. Kemm hu hekk, sentenza barranija ma tistax ma tiġix eżegwita f'Malta għar-raġuni biss, illi kieku l-kawża nstemgħet u nqatgħet hawn Malta, din kienet tinqata' mod ieħor (ara ***Avukat Dr Joseph Zammit McKeon nomine v. Laferla Insurance Agency Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2013). Dan għaliex jekk tagħmel hekk, il-qorti Maltija tkun qiegħda tassumi poter li l-**Artikoli 826** u **827 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jtuhiex (ara ***Avukat Dr Christian Farrugia nomine v. Peter Blond International Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2008).

19. Lura għall-każ tagħna, Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited semmiet tliet raġunijiet fit-tweġiba tagħha għalfejn fil-fehma tagħha s-sentenza barranija ma tistax tiġi eżegwita f'Malta.

20. L-ewwel raġuni mogħtija minnha għaliex ma hemmx lok għall-eżekuzzjoni tas-sentenza barranija taħt l-**Artikolu 827 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** tinsab marbuta mal-**Artikolu 811(b)**

**tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan l-artikolu jipprovdi li kawża deċiża tista' tiġi mismugħa mill-ġdid, jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa u din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża.

21. Kif joħroġ minn dan l-artikolu tal-liġi jirriżulta li huma tnejn il-ħwejjeġ li jridu jintwerew sabiex tista' tintlaqa' talba għar-ritrattazzjoni fuq din il-kawżali. Dawn huma: (i) li r-rikors maħluf ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa; u (ii) li dik il-parti telliefa ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża (ara ***Joseph Caruana Curran v. Victoria Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-12 ta' Mejju, 2003).

22. Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited argumentat li hija qatt ma kienet parti fil-proċeduri barranin għaliex is-sentenzi ngħataw kontra konvenuti li għandhom isem differenti minn tagħha. B'hekk saħqet li hija ma tistax titqies li ġiet notifikata għall-għanijiet tal-**Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

23. L-Ewwel Qorti aċċettat din it-teżi u fil-fatt hija ssoktat billi ċaħdet it-talba tal-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* sabiex tiġi eżegwita s-sentenza mogħtija fl-Emirati Għarab Magħquda għaliex qalet li l-kumpanija mħarrka Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited, ma kinitx waħda mill-partijiet fis-sentenza tal-*Commercial Cassation Circuit*. Fissret

li fil-proċeduri barranin kienet ġiet imħarrka Aria Asset Management SCC u mhux Aria Asset Management (Malta) SCC Limited (li llum saret Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited).

24. Sewwasew minħabba din id-diverġenza fl-identità tal-parti mħarrka, l-Ewwel Qorti qalet li jeżisti dubju serju li Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited kienet tabilħaqq parti fil-proċeduri barranin. L-istess Qorti żiedet tgħid ukoll li l-korrezzjoni li saret fis-sentenza barranija biex Aria Asset Management SCC tiġi taqra Aria Asset Management (Malta) SCC Limited, ma neħħietx dan id-dubju tagħha li Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited ma ġietx notifikata bl-atti tal-kawża kif trid il-liġi. Għalhekk sabet li hemm raġuni tajba taħt l-**Artikolu 827(1)(a)** moqri mal-**Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex is-sentenza barranija ma tiġix eżegwita f'Malta.

25. Fl-**<u>appell tiegħu</u>**, l-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* jgħid li l-Ewwel Qorti m'għarblitx kif imiss il-provi li kellha quddiemha. Jisħaq li l-kumpanija appellata qiegħda tipprova tikseb vantaġġ mill-iżball li seħħ fil-proċeduri li saru fl-Emirati Għarab Magħquda u mill-fatt li hija biddlet ukoll isimha. Jgħid li mill-atti tal-kawża ġie muri li l-kumpanija li ġiet ikkundannata mill-qrati tal-Emirati Għarab Magħquda ma hi ħadd ħlief Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited, li qabel kien jisimha

Aria Asset Management (Malta) SCC Limited.

26. Min-naħa l-oħra, Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited twieġeb li l-Ewwel Qorti kienet għalkollox siewja fid-deċiżjoni tagħha u li din ma setgħetx tasal għall-konklużjoni oħra ħlief li tiċħad it-talbiet attriċi. Fil-qosor, hija ttenni li l-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* la seħħlu jipprova li Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited kienet parti konvenuta fil-proċeduri barranin u wisq anqas li din kienet ġiet notifikata b'dawk il-proċeduri.

27. Il-mistoqsija għalhekk li trid tiġi mwieġba minn din il-Qorti hija jekk Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited kinitx parti jew le fil-proċeduri barranin.

28. Din il-Qorti tiltlaq billi tgħid li huwa essenzjali li l-okkju tas-sentenza jinkiteb kif suppost għaliex huwa biss bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jkunu jistgħu jiġu identifikati. Wieħed ma jridx jinsa li s-sentenza torbot biss lil dawk il-persuni li jissemmew fiha, b'dana għalhekk li jafu jqumu problemi dwar ir rabta u l-effikaċja tas-sentenza jekk il-persuni msemmija fiha ma jiġux identifikati b'mod tajjeb (ara ***Joseph Busuttil v. Avukat Dottor John Mamo nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fit-28 ta' Frar 1997).

29. Biss però wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll hawnhekk, li żball fl-isem mhu xejn meta jkun hemm ċertezza dwar il-persuna (ara ***Anna Spiteri v. Paolina Vassallo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2025). Din ma hi xejn ħlief mera tal-aforiżma Rumana li tgħid *nihil facit error nominis cum de corpore constat* (ara ***Gaetano Abdilla et nomine v. Sebastian Dalli nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024).

30. Fil-każ tal-lum huwa veru li t-tliet sentenzi li ġew mehmuża mar-rikors promotur ma jindikawx lil Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited bħala parti fil-kawża. Però bħala provi ġew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti, żewġ ċertifikati maħruġa mir-Reġistatur tal-Kumpaniji li juru li din il-kumpanija ġiet imwaqqfa f'Malta fis-7 ta' Novembru, 2018 bl-isem oriġinali ta' Aria Asset Management (Malta) SCC Limited (ara paġna 135 tal-atti tal-kawża) u mbagħad din biddlet isimha għal Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited fit-3 ta' Lulju, 2020 (ara paġni 136 u 173 tal-atti tal-kawża).

31. Issa għad li fit-tliet sentenzi barranin, ir-raba' parti konvenuta ġiet imniżżla bħala Aria Asset Management SCC, madankollu l-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* ressaq prova li fl-20 ta' Marzu, 2024 seħħet korrezzjoni fis-sentenza li ngħatat mill-Ewwel Qorti ta' Sharjah sabiex il-konvenuta Aria Asset Management SCC tiġi tidher bħala Aria Asset

Management (Malta) SCC Limited (ara paġna 142 tal-atti tal-kawża).

32. Barra minn hekk, l-imsemmi Avukat Malcolm Mifsud *nomine* ppreżenta wkoll *Execution Case Certificate* li jġib id-data tat-18 ta' Settembru, 2024 (ara paġna 168 tal-atti tal-kawża), fejn jingħad fih li s-sentenza tas-Sharjah Federal Court hija eżegwibbli kontra Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited.

33. Magħdud ma' dawn id-dokumenti, hemm ukoll l-affidavit tal-attur Baha Ahmed Al Far (ara paġni 166 u 167 tal-atti tal-kawża), fejn fih spjega kif huwa seħħlu jikseb dawn iż-żewġ dokumenti.

34. Fuq is-saħħa ta' dawn il-provi, din il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti li hemm dubju dwar jekk Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited kinitx parti fil-proċeduri barranin. Tassew din il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma toqgħodx fuq id-dokumenti maħruġa mill-qrati barranin li jgħidu li s-sentenza barranija torbot lil Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited (qabel bl-isem ta' Aria Asset Management (Malta) SCC Limited).

35. Fuq kollox għalkemm Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited ittambar ħafna fir-risposta tal-appell tagħha li hija ma kinitx parti f'dawk il-proċeduri barranin, madankollu hija mhux biss ma għamlitx il-

kontroeżami tal-attur sabiex tmerih f'dak li qal, imma mank biss ressqet xi rappreżentant tagħha sabiex imqar jixhed bil-ġurament tiegħu li l-kumpanija Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited ma kinitx parti f'dawk il-proċeduri jew għallinqas li l-kumpanija Aria Asset Management SCC li tissemma f'dawk is-sentenzi qabel ma saret il-korrezzjoni, mhijiex Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited. Żgur li din il-Qorti ma tistax taċċetta li sottomissjoni magħmula f'risposta tgħodd minflok prova.

36. Kollox ma' kollox, din il-Qorti tinsab konvinta li s-sentenzi barranin mehmuża mar-rikors promotur ingħataw fil-konfront ta' Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited, li qabel kien jisimha Aria Asset Management (Malta) SCC Limited, u li bi żball ġiet imniżżla fihom minflok bħala Aria Asset Management SCC.

37. B'hekk, ladarba din il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-kumpanija appellata hija l-istess kumpanija li tissemma fis-sentenzi barranin, mela allura hija ma tistax tgħid li hi ma kinitx notifikata b'dawk il-proċeduri. Dan qed jingħad għaliex jirriżulta li Aria Asset Management SCC (li din il-Qorti qiegħda ssib li hija Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited) kienet mhux biss appellat quddiem il-*First Civil Circuit of Appeal* mis-sentenza tas-*Sharjah Federal Court* imma anke ressqet il-każ tagħha quddiem il-*Commercial Cassation Circuit*. Bl-appelli tagħha, il-kumpanija

appellata għalhekk hija meqjusa li dehret fis-smigħ tal-kawża għall-għanijiet tal-**Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, b'dana għalhekk li hija ma tistax tinqeda b'din ir-raġuni sabiex iżżomm l-eżekuzzjoni tas-sentenza barranija skont l-**Artikolu 827 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

38. L-aggravju tal-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* għalhekk qiegħed jiġi milqugħ. Dan iżda ma jistax iwassal għall-ilqugħ tat-talbiet tar-rikors promotur tiegħu minħabba li l-kumpanija appellata ressqet żewġ raġunijiet oħra għalfejn skontha s-sentenza barranija ma tistax tiġi eżegwita f'Malta, li dwarhom ma sar l-ebda eżami mill-Ewwel Qorti.

39. Minħabba f'hekk l-atti sejrin ikollhom jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tiddeċiedi t-talbiet attriċi fid-dawl ta' dawn iż-żewġ raġunijiet l-oħra.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell tal-Avukat Malcolm Mifsud *nomine* u b'hekk tħassar is-sentenza appellata u minflok tiddikjara li qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tal-kumpanija Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited sa fejn tgħid li s-sentenza barranija ma tistax tiġi eżegwita minħabba dak imsemmi fl-

**Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

L-ispejjeż kollha marbuta mas-sentenza tal-Ewwel Qorti u ma' din is-sentenza għandhom jitħallsu mill-kumpanija Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited.

Fl-aħħar nett, il-Qorti **tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex minnufih jibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddeċiedi t-talbiet attriċi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet l-oħra.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss